MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Numru 1041/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Raymond D`Anastas)
**Vs**
**George Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi George Falzon ta` 52 sena bin Anthony u Carmen nata Abela imwieled Pieta fis-6 ta` Jannar 1951 u residenti Block Y2, Flat 3, Triq id-deheb Fin Hal-Qormi, detentur tal-karta tal-identita 113451M.

Billi huwa akkuzat talli fil-5 ta` Ottubru 2002 ghall-habta tad-disgha ta` filghodu gewwa Hal Qormi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b`hebb, ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta` PC 998

David Sean Caruana liem persuna hija nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita kompetenti;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta` l-imsemmi PC 998 li huwa persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzeghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok ucirkustanzi volontarjament ikkaguna feriti ta` natura hafifa fuq persuna tal-imsemmi PC 998 u dan skond kif occertifika it-tabib Joseph Tonna MD ta` Senglea;

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb ghall-PC 998 sabiex ingurajt u idejqu jew jaghmillu hsara u imbuttah fit-Triq biex twegghu jew tinsultah, u aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b`ghajjat u/jew glied;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi irrifjuta jew ta falz lill-Ufficjal Pubbliku u cioe lill-PC 998 li huwa nkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel dmirijiet tieghu ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra;

U fl-ahhar akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ma obdiex l-ordnijiet lagittimi ta` l-awtorita jew ta` wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel lill PC 998 waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b`xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru billi ma halliehx jaghmel dak li b`ligi kien ordnat jew seta` jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi, jew b`xi mod iehor li jkun;

Ra n-nota ta` l-Avukat Generali

Ra li l-akkuzat fis-seduta tat-30 ta` April 2003 ammetta l-akkuzi migjuba kontrih wara li ma oggezzjonax li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja. Issibu hati.

Rat l-Artikolu 95 tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 22 tal-kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li rat il-kondotta tal-akkuzat tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmi Artikolu.

Ghalhekk fil-waqt li ssib l-akkuzat hati tilliberah that il-provedimenti ta` l-Artikikolu 22 tal-kap 446 tal-ligijiet ta` Malta b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) m`illum. Il-Qorti qed tfisser l-import ta` din is-sentenza lill-hati u qed twissieh skond il-Ligi.

(ft) Dr.Joseph Cassar
MAGISTRAT

Vera Kopja

Mario Mifsud
Dep Reg.

--------------------------------TMIEM--------------------------------